

(2) Freixenet, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 116, 09.05.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2010 — Freixenet vs UASI (Forma ta' flixxun iswed matt miksi bl-iżmerill)

(Kawża T-110/08) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja li tirrapreżenta flixxun iswed matt miksi bl-iżmerill — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Nuqqas ta' karattru distintiv akkwistat permezz tal-użu — Artikolu 7(1) (b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009)”)

(2010/C 161/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Freixenet (Sant Sadurní d'Anoia, Spanja) (rappreżentanti: F. de Visscher, E. Cornu u D. Moreau, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Suġġett

Appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Novembru 2007 (Każ R 104-2001-1), dwar talba għal reġistrazzjoni ta' sinjal li jirrapreżenta flixxun iswed matt miksi bl-iżmerill bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Freixenet, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 116, 09.05.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' April 2010 — Kerma vs UASI (BIOPIETRA)

(Kawża T-586/08) (¹)

(“Trade Mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali BIOPIETRA — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”)

(2010/C 161/62)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Kerma SpA (Raffa di Puegnago sul Garda, L-Italja) (rappreżentant: A. Manzoni, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Montalto, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Ottubru 2008 (Każ R 889/2008-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali BIOPIETRA bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud

(2) Kerma SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 55, 7.3.2009.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2010 — Katjes Fassin vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' ras ta' panda)

(Kawża T-22/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Rifjut ta' reġistrazzjoni mill-eżaminatur — Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2010/C 161/63)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Katjes Fassin GmbH & Co. KG (Emmerich am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Schmitz, avukat)